# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 382/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Anthony Scerri**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2015

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Anthony Scerri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 479255M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-6 ta' April 2014, bhala bejjiegh permezz ta' vann bin-numru ta' registrazzjoni AAP 117 fi Triq ir-Rinella,

Kalkara, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, offra li jipprovdi servizz lill-persuna ohra u/jew espona ghal-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali u/jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif mahruga jew approvati mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tat-tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77(o), 81 u 82 ta' l-istes Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Lulju, 2015 li biha sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' elf Euro (€1,000);

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi tiddikjara l-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kwindi tilliberah skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi il-fatti ta' dan il-kaz huma li fid-data u l-hin riportata fl-avviz ta' dehra, u mhux kontestat mill-appellant, certu Anthony Grech,

zewg oht il-mara tieghu, kien intercettat mill-Ispetturi tad-Dipartiment tal-VAT qed ibigh il-bigilla minn van li jappartjeni lill-appellant u dan minghajr ma kellu *cash register* jew ricevuti fiskali manwali sabiex johrog dawk ir-ricevuti fiskali skond il-ligi ghall-kull bejgh jew provvista li jaghmel;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant iressaq l-argument illi dan Anthony Grech la hu impjegat u wisq anqas persuna li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu. Dan ghaliex dakinhar, l-istess Anthony Grech qabad u hareg bil-vann biex ibiegh il-bigilla minghajr il-konoxxenza tal-imputat wara li dan tal-ahhar wegga' u kellu jittiehed l-isptar ghall-kura u ghalhekk ghamel hekk minn rajh sabiex ma jintremiex il-prodott;

3. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li ma setghetx temmen il-verzjoni tal-imputat wisq anqas dik ta' Grech u din il-Qorti hi tal-istess fehma. Kien jispetta lill-imputat li jipprova din l-allegazzjoni sabiex ikun kunsidrat mill-Qorti, indipendentement minn jekk tistax titqies bhala motivazzjoni biex tiggustifika l-agir ta' Grech jew le. L-appellant jghid li dakinhar, wara li kien prepara l-vann biex johrog ibiegh il-bigilla, hass ugiegh f'qalbu fejn hu peress illi jbaghti minn din il-kundizzjoni Grech wasslu l-isptar b'vettura li mhix il-vann. Grech jghid li thassru u ghalhekk ghazel li johrog hu bil-bigilla. L-ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni temmen jew le lill-appellant u lill-Grech u in mankanza ta' semplici certifikat mediku mill-Isptar li verament ddahhal ghall-kura ma tat ebda affidabilita' lill-imputat u lix-xhud tieghu. Mehuda dik id-decizzjoni, l-ewwel Qorti legalment u ragjonevolment setghet tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

4. Illi t-tieni, t-tielet u r-raba' argument li jressaq l-imputat jistghu jitqiesu bhala estensjoni tal-ewwel wiehed u ma hemmx htiega li dawk ikunu konsiderati oltre minn hekk ghajr illi ma jsegwix, kif jistenna l-appellant, illi l-ammissjoni ta' Grech kellha tkun bizzejjed biex tipprova l-innocenza tieghu u li l-ammissjoni ta' Grech quddiem l-Ispetturi tal-VAT kellha tkun sufficjenti biex turi li ghamel dik id-dikjarazzjoni ghaliex emmen li ma kienx ikun gust li l-imputat jehel ta' haga dovuta ghall-inizjattiva tieghu, igifieri ta' Grech;

5. L-appellant "*jiskanta*" kif l-ewwel Qorti sabitu hati meta x-xhieda tieghu kienet korroborata mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. L-appellant m'ghandux ghalfejn jiskanta xejn. Grech hareg bil-vann tal-imputat; kien qed ibegh il-bigilla; minghajr *cash register* jew ktieb ta' ricevuti fiskali; kien jaf x'ghandu jaghmel; m' huwiex impjegat tal-imputat; kien jaf allura fejn irid imur biex ibiegh il-merci tieghu u dan meta l-imputat kien rikoverat l-Isptar li ghalkemm ma kellu jipprova xejn, izda la darba hekk allega, lanqas produca certifikat mediku biex jikkorobora tali allegazzjoni. Mhux ghaliex dik il-prova setghet necessarjament tillibera lill-imputat, imma certament kienet tittiehed in kunsiderazzjoni ghar-ricerka tal-verita mill-ewwel Qorti;

6. Illi ghalhekk l-appell qed ikun michud.